

32006R2011

29.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 384/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2011/2006

tad-19 ta' Diċembru 2006

li jadatta r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor u r-Regolament (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità, minħabba l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tal-Bulgarija u tar-Rumanija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija iffirmsat fil-Lussemburgo fil-25 ta' April 2005, u partikolarmen l-Artikolu 4 (3) tiegħi,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanja, u partikolarmen l-Artikolu 20 flimkien ma l-Anness IV, u l-Artikolu 56 tiegħi,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa⁽¹⁾ emenda *inter alia* d-dispożizzjonijiet dwar il-limiti massimi għaż-żieragh minħabba fl-adeżjoni ta' l-2004 u l-appoġġ dirett għall-bdiewa fis-settur taz-zokkor. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1).

fis-settur taz-zokkor⁽²⁾ introduċa regoli komuni li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007. Ir-Regolament (KE) Nru 320/2006 stabbilixxa skema temporanja għar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità⁽³⁾.

- (2) Dawk ir-regoli u l-miżuri ġenerali għandhom jiġu adattati biex jippermettu l-implementazzjoni tagħhom fil-Bulgarija u fir-Rumanija mid-data ta' l-adeżjoni ta' dawk il-pajjiżi fl-Unjoni Ewropea.

- (3) Bil-ħsieb li l-Bulgarija u r-Rumanija jibbenefikaw mill-miżuri ta' appoġġ fis-settur taz-zokkor ipprovduti skond ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, huwa xieraq li jiġu emendati l-limiti nazzjonali tal-Bulgarija u tar-Rumanija filwaqt li jitqiesu l-ammonti addizzjonali ta' l-assistenza. Sabiex il-Bulgarija u r-Rumanija jingħataw il-possibilità li jaġħtu l-pagament dirett taz-zokkor fil-forma ta' pagament dirett separat, huwa xieraq li l-limiti nazzjonali dwar l-ammonti referenzjali taz-zokkor jiġu emendati. Sabiex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar il-pagament separat għaz-zokkor fil-Bulgarija u r-Rumanija huwa xieraq li l-periġodi għall-implimentazzjoni jiġu aġġustati kif meħtieġ.

- (4) Bil-ħsieb li l-Bulgarija u r-Rumanija jitħallew jintegraw l-ghajjnuna għaż-żieragh fl-iskemi ta' appoġġ previsti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huwa xieraq li l-Bulgarija u r-Rumanija jiżdiedu mal-lista ta' pajjiżi kkonċernati b'dik il-miżura.

- (5) L-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (hawn aktar il-quddiem “l-Att ta' Adeżjoni 2005”) ippreveda għall-emendar ta' ċerti materji koperti mir-Regolament (KE) Nru 1782/2003; dan ir-Regolament jipplimenta l-Artikolu 20 ta' l-Att ta' Adeżjoni 2005 u l-Anness IV tiegħi u jaġħmel emendi ulterjuri. Dawn l-emendi kollha għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ġurnata. Fl-interess taċ-ċertezza legali, għandu jkun spċċifikat l-ordni li fih dawk l-emendi għandhom jiġu applikati.

⁽²⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1585/2006 (ĠU L 294, 25.10.2006, p. 19).

⁽³⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42.

- (6) Bil-ħsieb li jiġu applikati għall-Bulgarja u r-Rumanija l-mekkaniżmi dwar sistema ta' kwota fuq il-produzzjoni għaż-żokkor, l-isoglukosju u l-ġulepp ta' l-inulina, kif ukoll il-ħtieġa għall-forniment tradizzjonali taż-żokkor għar-raffin kif previst fir-Regolament (KE) Nru 318/2006, iż-żewġ pajjiżi għandhom jiżdiedu mal-lista ta' pajjiżi li jibbenfikaw minn dawn il-miżuri. Għandhom isiru emendi oħra wkoll għal dak ir-Regolament biex titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-Bulgarja u r-Rumanija.
- (7) Bil-ħsieb li l-operaturi fil-Bulgarija u r-Rumanija jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-iskema ta' ristrutturar prevista fir-Regolament (KE) Nru 320/2006, jeħtieġ li dak ir-Regolament jiġi adattat.
- (8) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 318/2006 u (KE) Nru 320/2006 għandhom, għalhekk, jiġu emendati skond dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huwa b' dan emendat kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 71c, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-ewwel paragrafu:

“Fil-każ tal-Bulgarija u tar-Rumanija, l-iskeda taż-żidiet prevista skond l-Artikolu 143a għandha tapplika għaż-żokkor u għaċ-ċikwejra.”

- 2) L-Artikolu 143ba għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, it-test ta' wara l-ewwel sentenza għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Dan jingħata fir-rigward ta' perjodu rappreżentattiv li jista' jkun differenti għal kull prodott ta' wieħed jew aktar minn wieħed fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2004/2005, 2005/2006 u 2006/2007 kif jiġi determinat mill-Istati Membri qabel it-30 ta' April 2006, u fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħal:

- il-kwantitajiet ta' pitravi taż-żokkor, ta' kannamieli jew ċikwejra koperti permezz ta' kuntratti ta' forniment konklusi skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 jew l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, kif jixraq;

— il-kwantitajiet ta' zokkor jew ta' ġulepp ta' l-inulina prodotti skond ir-Regolament (KE) Nru 1260/2001 jew ir-Regolament (KE) Nru 318/2006, kif jixraq;

— l-għadd medju ta' ettari ta' pitravi taż-żokkor, ta' kannamieli jew ċikwejra użati għall-produzzjoni taż-żokkor jew tal-ġulepp ta' inulina u koperti permezz ta' kuntratti ta' forniment konklusi skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 jew l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, kif jixraq;

Madankollu, meta l-perjodu rappreżentattiv jinkludi s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, din is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni għanda tīgi sostitwita bis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 għal bdiewa li ġew affettwati mir-rinunzja tal-kwota fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, kif stipulat taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006.

Fil-każ tal-Bulgarija u tar-Rumanija:

(a) id-data ta' 30 ta' April 2006 imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinbidel għal 15 ta' Frar 2007;

(b) il-pagament taż-żokkor separat jista' jingħata fir-rigward tas-snin mill-2007 sal-2011;

(c) il-perjodu rappreżentattiv li msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jkun differenti għal kull prodott ta' wieħed jew aktar minn wieħed fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2004/2005, 2005/2006, 2006/2007 u 2007/2008;

(d) Meta l-perjodu rappreżentattiv jinkludi s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008, din is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni għanda tīgi sostitwita bis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 għal bdiewa li ġew affettwati mir-rinunzja tal-kwota fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008, kif stipulat taħt l-Artikolu tar-Regolament (KE) Nru 320/2006.”;

(b) fil-paragrafu 3, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

3a. “Għall-2007, għall-Bulgarija u r-Rumanija, id-data tal-31 ta' Marzu msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinbidel bid-data 15 ta' Frar 2007.”;

- 3) L-Annessi VII u VIIIa u XIa għandhom jiġu emendati skond l-Anness I ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 għandu jiġi emendat kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 7(2), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, fil-każ tal-Bulgarja u tar-Rumanija is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni għandu jkun l-2006/2007.”

- 2) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 kwota ta' l-isoglukożju ta' 100 000 tunnellata għandu jiżdied mat-tot tal-kwota ta' l-isoglukożju stabbilita fl-Anness III. F'kull wieħed mis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008 u 2008/2009 kwota oħra ta' l-isoglukożju ta' 100 000 tunnellata għandha tiġi miżjudha mal-kwota tas-snин ta' kummerċjalizzazzjoni ta' qabel. Din iż-żieda ma tikkonċer-nax lill-Bulgarja u lir-Rumanija.

F'kull waħda mis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008 u 2008/2009 kwota oħra ta' l-isoglukożju ta' 11 045 tunnellata għall-Bulgarja u ta' 1 966 tunnellata għar-Rumanija għandhom jiġi miżjudha mal-kwota tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti.

L-Istati Membri għandhom jallokaw il-kwoti addizzjonali lill-impriżi, proporzjonalment mal-kwoti ta' l-isoglukożju li ġew allokkati skond l-Artikolu 7(2).”

- 3) Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Minkejja l-Artikolu 19(1), ħtieġa għal provvista tradizjonali ta' zokkor għar-raffinar hija stabbilita għall-Kommunità fil-figura ta' 2 324 735 tunnellata għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni, espressa għaz-zokkor abjad.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Matul is-snini ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, il-ħtieġa għall-provvista tradizzjoni għandha tiġi distribwita kif ġejja:

- 198 748 tunnellata għall-Bulgarja,
- 296 627 tunnellata għal Franza,
- 291 633 tunnellata għall-Portugall,
- 329 636 tunnellata għar-Rumanija,
- 19 585 tunnellata għas-Slovenja,
- 59 925 tunnellata għall-Finlandja,
- 1 128 581 tunnellata għar-Renju Unit.”

- 4) L-Anness III għandu jiġi sostitwit bit-test ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006, il-kliem tad-daħla ta' l-ewwel subparagrafu għandhom jiġi sostitwiti b'dan li ġej:

“Kull impriżja li tipproċi z-zokkor, l-isoglukożju jew il-ġulepp ta' l-inulinha li għaliha għet-allocata kwota sa l-1 ta' Lulju 2006 jew sal-31 ta' Jannar 2007 fil-każ tal-Bulgarja u tar-Rumanija, għandha d-dritt għall-assistenza ta' ristrutturar għal kull tunnellata rinunzjata, sakemm matul wieħed mis-snini ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, 2007/2008, 2008/2009 u 2009/2010 (l-impriżja).”

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 soġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarja u tar-Rumanija.

*Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA*

ANNESS I

L-Annessi VII, VIIIa u XIa għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huma emendati kif ġej:

- (1) Fil-punt K 2 ta' l-Anness VII, it-Tabella 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

“Tabella 1

Limiti massimi għal ammonti li għandhom jiġi inklużi fl-ammont ta' referenza tal-bdiewa

(EUR '000)

(2) L-Anness VIIIa huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS VIIIa

Limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 71ċ

(EUR '000)

Sena kalendarja	Bulgarija	Repubblika Ċeka	Estonja	Ċipru	Latvja	Litwanja	Ungerija	Malta	Polonja	Rumanija	Slovenja	Slovakja
2005	—	228 800	23 400	8 900	33 900	92 000	350 800	670	724 600	—	35 800	97 700
2006	—	294 551	27 300	12 500	43 819	113 847	446 305	830	980 835	—	44 184	127 213
2007	200 384	377 919	40 400	16 300	60 764	154 912	540 286	1 640	1 263 706	441 930	58 958	161 362
2008	240 521	469 986	50 500	20 400	75 610	193 076	672 765	2 050	1 572 577	530 681	73 533	200 912
2009	281 154	559 145	60 500	24 500	90 016	230 560	802 610	2 460	1 870 392	621 636	87 840	238 989
2010	321 376	644 745	70 600	28 600	103 916	267 260	929 210	2 870	2 155 492	710 441	101 840	275 489
2011	401 620	730 445	80 700	32 700	117 816	303 960	1 055 910	3 280	2 440 492	888 051	115 840	312 089
2012	481 964	816 045	90 800	36 800	131 716	340 660	1 182 510	3 690	2 725 592	1 065 662	129 840	348 589
2013	562 308	901 745	100 900	40 900	145 616	377 360	1 309 210	4 100	3 010 692	1 243 272	143 940	385 189
2014	642 652	901 745	100 900	40 900	145 616	377 360	1 309 210	4 100	3 010 692	1 420 882	143 940	385 189
2015	722 996	901 745	100 900	40 900	145 616	377 360	1 309 210	4 100	3 010 692	1 598 493	143 940	385 189
2016 u s-snin sussegwenti	803 340	901 745	100 900	40 900	145 616	377 360	1 309 210	4 100	3 010 692	1 776 103	143 940	385 189"

(3) L-Anness XIa huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS XIa

Limiti massimi ta' l-assistenza għaż-żrieragħ fl-Istati Membri l-ġodda msemmija fl-Artikolu 99(3)

(EUR miljuni)

Sena kalendarja	Bulgarija	Repubblika Ċeka	Estonja	Ċipru	Latvja	Litwanja	Ungaria	Malta	Polonja	Rumanija	Slovenja	Slovakia
2005	—	0,87	0,04	0,03	0,10	0,10	0,78	0,03	0,56	—	0,08	0,04
2006	—	1,02	0,04	0,03	0,12	0,12	0,90	0,03	0,65	—	0,10	0,04
2007	0,11	1,17	0,05	0,04	0,14	0,14	1,03	0,04	0,74	0,19	0,11	0,05
2008	0,13	1,46	0,06	0,05	0,17	0,17	1,29	0,05	0,93	0,23	0,14	0,06
2009	0,15	1,75	0,07	0,06	0,21	0,21	1,55	0,06	1,11	0,26	0,17	0,07
2010	0,17	2,04	0,08	0,07	0,24	0,24	1,81	0,07	1,30	0,30	0,19	0,08
2011	0,22	2,33	0,10	0,08	0,28	0,28	2,07	0,08	1,48	0,38	0,22	0,09
2012	0,26	2,62	0,11	0,09	0,31	0,31	2,33	0,09	1,67	0,45	0,25	0,11
2013	0,30	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,53	0,28	0,12
2014	0,34	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,60	0,28	0,12
2015	0,39	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,68	0,28	0,12
2016	0,43	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,75	0,28	0,12
snin sussegwenti	0,43	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,75	0,28	0,12"

ANNESS II

“ANNESS III

KWOTI NAZZJONALI U REĠJONALI

Stati Membri jew reġjuni (1)	Zokkor (2)	Isoglukosju (3)	Ġulepp ta' l-inulina (4) (tunnellati)
Belġju	819 812	85 694	0
Bulgarija	4 752	67 108	—
Repubblika Ċeka	454 862	—	—
Danimarka	420 746	—	—
Ġermanja	3 655 456	42 360	—
Greċċa	317 502	15 433	—
Spanja	903 843	98 845	—
Franza (metropolitana)	3 552 221	23 755	0
Dipartimenti extra-Ewropej ta' Franza	480 245	—	—
Irlanda	0	—	—
Italja	778 706	24 301	—
Latvja	66 505	—	—
Litwanja	103 010	—	—
Ungernja	401 684	164 736	—
Olanda	864 560	10 891	0
Awstrija	387 326	—	—
Polonja	1 671 926	32 056	—
Portugall (kontinentali.)	34 500	11 870	—
Ir-reġjun awtonomu ta' l-Ażores	9 953	—	—
Rumanija	109 164	11 947	—
Slovakja	207 432	50 928	—
Slovenja	52 973	—	—
Finlandja	146 087	14 210	—
Svezja	325 700	—	—
Renju Unit	1 138 627	32 602	—
Total	16 907 591	686 736	0"